**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/026 |
| **Ilment:** | Għoti ta’ *direct order* b’valur ta’ €1.6m f’sena mogħti mill-Ministru Clint Camilleri lis-sidien tad-Downtown Hotel biex tinbidel f’dar għall-anzjani meta ma kinetx tissodisfa kriterji minimi mitluba mil-liġi u meta kien hemm post ieħor tal-gvern stess li seta’ jintuża għall-istess għan. |
| **Ilmentatur:** | Prof Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 5 ta’ Mejju 2020 |
| **Data ta’ Dan ir-Rapport:** | 21 ta’ Lulju 2021 |

**L-Ilment**

1. B’email tas-27 ta’ April 2020, hawn annessa u mmarkata Dokument A, il-Professur Arnold Cassola ressaq għall-konsiderazzjoni tiegħi s-segwenti ilment:

> *Qiegħed nitolbok tiftaħ investigazzjoni fuq l-imġiba tal-Ministru Clint Camilleri fir-rigward tad-direct order li nħareġ biex il-lukanda Down Town, fir-Rabat, Għawdex, tinbidel f' Dar tal-Anzjani.*
>
> *Mill-artikli hawnhekk annessi, joħroġ li l-Ministeru ta' Għawdex għamel kuntratt mas-suddetta Lukanda, mingħajr ebda sejħa pubbliku skont il-prassi, u ta kuntratt ta' sena b'direct order, fejn impenja lill-Gvern iħallas somma ta' 54.90 ewro kuljum kull sodda, jiġifieri 109.80 ewro kull*

*kamra (38 kamra) kuljum, li jfissru madwar miljun u sitt mitt elf ewro f'sena.*

*Waqt li d-daqs ta' ftit kmamar fis-suddetta lukanda jaqbeż il-minimu legali rikjest ta' 4 metri bi 3; il maġġoranza tagħhom huma propju l-minimu.*

*Il-prezz innegozjat ma jinkludi la l-ikel u lanqas il-pagi tal-istaff.*

*Jirriżulta li l-Gvern għandu art tiegħu stess, li fuqha hija mibnija Lourdes Home, li hija mogħtija b'ċens ta' 500 ewro fis-sena lis-sorijiet Dumnikani, li huma marbuta b'obbligi speċjali ta' natura soċjali.*

*Din il-proprjetà, li fl-imgħoddi kienet adibita għall-użu ta' orfanatrofju, għandha aktar kmamar mid-Down Town (45 ensuite) u, fuq kollox, il-kmamar u l-kurituri huma aktar spazjużi minn dawk tal-hotel. Hemm ukoll ġonna u spazji fl-apert, flimkien ma' parkeġġ taħt l-art għal 32 karozza pienament aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà.*

*Illum is-sorijiet jikru l-kmamar lit-turisti għall-prezz ta' 45 ewro kull persuna, inkluż l-ikel.*

*Stante il-fatt li jekk Lourdes House kellha bżonn xi tibdiliet strutturali anki DownTown kien jeħtiġilha dawn it-tibdiliet, jista' il-Kummissarju jinvestiga jekk kenitx imġiba etika u approprjata tal-Ministru Camilleri li ma jagħmilx użu minn proprjetà mibnija fuq art tal-Gvern, partikolarment:*

*Għax Lourdes House kienet tissodisfa r-rekwiżiti rikjesti mill-Ministeru ta':*

*1. "having no adjacent building, thus enjoying a measure of isolation";*

*2. "immediate availability of 80 beds under one roof";*

*kif ukoll:*

*3. kmamar aktar spazjużi u ambjent ta' madwar aktar spazjuż, u isbaħ, mhux ċirkondat minn bini;*

*4. il-prezz innegozjat mill-Ministeru mad-DownTown għal kull kamra (bla ikel) huwa ogħla mill-prezz mitlub attwalment mis-sorijiet għal kull kamra (ikel inkluż).*

*Sur Kummissarju, mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq miktub, qiegħed ukoll nitolbok tinvestiga għaliex il-Ministru għal Għawdex ħass il-bżonn li jinnegozja direttament mas-sidien tad-Downtown, jagħti Direct Order lilhom u ma joħroġx tender pubbliku b'terminu qasir (bejn 3 u 7 ijiem), bħalma fil-fatt ġara Malta għall-bini ta' sptar ġdid temporanju.*

2. L-ilmentatur bagħat email fil-5 ta' Mejju 2020 li tgħid hekk:

*Qiegħed nibgħatlek il-link għal artiklu li deher illum f' The Shift News miktub minn Victor P. Borg.*

https://theshiftnews.com/2020/05/05/downtown-hotel-does-not-meet-minimum-standards-for-elderly-homes/

*L-artiklu qed iġib ix-xhieda tal-qraba ta' żewġ residenti li qed jistqarru li l-qraba tagħhom mhux qed jinħarġu mis-sodda, għall-kuntrarju ta' dak li kien isir sa xahar ilu f'Dar Sant' Anna:*

*"Every time I call my mother via video link – and I call her at different times of the day – she would be in bed," a woman who spoke on condition of anonymity told The Shift.*

*She said that in the St Anna ward at the Gozo hospital she used to be put down in a wheelchair, and sometimes taken outdoors in the grounds for a walk. Another relative made similar claims.*

*L-istretchers ma joqogħdux fil-lift tad-DownTown Hotel:*

*Chris Galea, who is active in a charity involved in philanthropy among the elderly in Gozo, told The Shift that relatives of patients complained to him that stretchers and coffins did not fit horizontally in the lift, causing anxiety about how bedridden patients can be moved if necessary.*

*Il-liġi tistipula minimu ta' spazju għal kull pazjent fil-kamra:*

*On the size of rooms, the minimum standards specify "minimum space" for new properties, including new licensees, to be "at least eight square metres of usable floor space per resident" in shared rooms.*

*Madankollu, fid-DownTown, anqas minn 70% tal-kmamar jisssodisfaw dawn ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi:*

*Analysis of architectural drawings of Downtown's rooms shows that less than a fourth of the rooms have a "usable floor space" that reaches 16 square metres – the smallest room is 12 square metres.*

*Moreover, six of Downtown's rooms do not have windows that would "enable the resident to see out of it when seated or in bed."*

*In vista ta' dana kollu, id-Direct order għal miljun u 600,000 elf ewro f'sena mogħti lis-sidien tad-DownTown b' Direct Order mill-Ministru Clint Camilleri, mingħajr ma nħareġ tender pubbliku u mingħajr ma d-Down Town jissodisfa l-kriterji minimi mitluba mil-liġi, jassumi aktar gravità.*

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

3. L-ilment jinkorpora fih dawn it-tliet allegazzjonijiet:

(a) l-użu ta' direct order biex tinkera lukanda privata, mingħajr ma nħarġet sejħa pubblika;

(b) infiq eċċessiv fuq il-kiri tal-lukanda, b'mod partikolari fid-dawl tan-nuqqas ta' adegwatezza tal-lukanda għall-iskop li nkriet għalih mill-gvern; u

(ċ) l-eżistenza ta' propjetà mibnija fuq art tal-gvern li hija aktar adattata għall-istess skop u li tinvolvi inqas spejjeż għall-gvern.

4. Il-punt (b) huwa kwistjoni ta' value for money li ma taqax fil-kompetenza tal-uffiċċju tiegħi. Se mai, il-kwistjoni dwar jekk l-prezz miftiehem għas-servizz jikkostitwix l-aħjar valur għall-flus li jitħallsu, bl-anqas prezz possibbli, hija materja li tista' tiġi investigata mill-Awditur Ġenerali fil-kors normali tad-doveri tiegħu.

5. Għaldaqstant iddeċidejt li l-ilment dwar l-aġir tal-Ministru Camilleri jistħoqq li jiġi investigat ai termini tal-art 13(1)(b) tal-Att dwar l-Istandards fil-

Ħajja Pubblika, safejn jittratta dwar l-allegazzjoni li nkriet lukanda privata permezz ta' direct order meta l-gvern kellu disponibbli propjetà aktar adattata li setgħet tintuża b'inqas spejjeż.

6. Inqis li l-element primarju f'dan l-ilment huwa l-allegazzjoni li l-gvern kellu disponibbli propjetà aktar adattata mid-Downtown Hotel u li kienet tinvolvi inqas spejjeż. Għalkemm l-użu ta' direct order fih innifsu (jew, f'dan il-każ partikolari, negotiated procedure ai termini tar-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku) jikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola normali, li hija l-użu ta' sejħiet għall-offerti (jew, kif tissejjaħ fir-regolamenti, il-proċedura miftuħa), l-użu ta' direct order mhux neċessarjament jirrappreżenta abbuż ta' poter, għaliex dan huwa permess mil-liġi f'ċerti ċirkostanzi. Barra minn hekk, meta nqala' dan il-każ il-pajjiż kien fi stat ta' emerġenza ta' saħħa pubblika. Għalhekk, kieku l-ilment kien ibbażat biss fuq il-fatt li ntużat negotiated procedure, x'aktarx li ma kontx ninvestigah.

7. F'dan il-każ partikolari, l-użu ta' negotiated procedure jista' potenzjalment jitqies li jirrappreżenta abbuż ta' poter jekk jinstab li l-allegazzjoni ewlenija hija minnha, jiġifieri jinstab li l-gvern kellu propjetà għad-dispożizzjoni tiegħu li kienet aħjar u irħas mid-Downtown Hotel u naqas milli jikkunsidraha. Il-proċedura tal-akkwist li ntużat f'dan il-każ hija element sekondarju li ma jidħolx fil-konsiderazzjoni tiegħi jekk jirriżultali li l-allegazzjoni ewlenija hija infondata.

**Il-Kuntest**

8. Dan ir-rapport sar fis-27 ta' April 2020, jiġifieri ftit ġimgħat wara li faqqħet il-pandemija COVID-19 fil-bidu ta' Marzu 2020.

9. Il-gvern ta' Malta bħall-gvernijiet tal-pajjiżi l-oħra madwar id-dinja kellu jirreaġixxi għall-pandemija, li l-effetti tagħha kienu għad mhux magħrufa u li

kienu mistennija li jkollhom impatt kbir fuq is-saħħa u l-ekonomiji tad-dinja, billi jieħu miżuri prekawzjonali.

10. Waħda minn dawn il-miżuri prekawzjonali kienet li jillibera sodod ġewwa sptarijiet fejn kien hemm pazjenti li kienu jirrikjedu anqas kura.

11. Għalhekk il-Ministeru għas-Saħħa ħa d-deċiżjoni li jillibera s-sodod mis-Sala Sant' Anna ġewwa l-isptar ta' Għawdex li tospita anzjani fi bżonn ta' kura limitata, billi jittrasferihom għal xi faċilità oħra.

12. Jidher ukoll li dan sar billi l-gvern permezz tal-Ministru Camilleri għażel li jidħol f'arranġament dirett ma' Downtown Limited, sid tal-lukanda Downtown ġewwa r-Rabat Għawdex, billi din kienet tissodisfa numru ta' kriterji fosthom li kienet viċin l-Isptar ta' Għawdex, ma kellhiex bini fuq il-ġnub tagħha, setgħet toffri 80 sodda immedjatament, u s-sid kien lest jagħmel li kien hemm bżonn biex jakkomoda l-pazjenti.

13. Il-proċedura li ntużat kienet dik magħrufa bħala negotiated procedure u b'hekk ma saritx sejħa pubblika għall-offerti.

14. Il-kritika li saret fil-midja għal dan ma kinetx dwar jekk kienx hemm il-bżonn li jiġu trasferiti pazjenti mis-Sala Sant' Anna għal faċilità oħra iżda li ma saritx sejħa pubblika; li l-lukanda Downtown ma kellhiex faċilitajiet adegwati; u li kien hemm id-dar magħrufa bħala Lourdes Home li kienet disponibbli, kellha aktar sodod, kellha faċilitajiet aħjar u setgħet toffri prezzijiet aktar baxxi.

15. Mill-banda l-oħra sar magħruf pubblikament li:

- l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali approvat permezz ta' liċenzja ta' emerġenza l-faċilitajiet li offriet l-lukanda Downtown;[1] u

---

[1] https://theshiftnews.com/2020/05/15/questions-persist-as-authority-avoids-answers-on-relocation-of-elderly-patients-in-gozo-to-downtown-hotel/.

- Lourdes Home ma kinetx disponibbli u ma kinetx attrezzata biex tospita l-anzjani li jirrikjedu ċertu tip ta' kura.[2]

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

16. Ktibt lill-Ministru Camilleri fl-4 ta' Novembru 2020 (kopja annessa u mmarkata Dokument B) fejn irreferejt għall-kontenut tal-ilment u l-partijiet rilevanti tal-kodiċi tal-etika u tlabtu jagħti r-reazzjonijiet tiegħu b'mod ġenerali dwar l-allegazzjonijiet in kwistjoni.

17. Il-Ministru Camilleri irrisponda fit-18 ta' Novembru (kopja annessa u mmarkata Dokument Ċ) fejn huwa ssottometta *inter alia* li d-deċiżjoni biex tintuża l-lukanda Downtown:

- kienet deċiżjoni kollettiva tal-Kabinett tal-Ministri u għalhekk mhix sindakabbli mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
- kienet meħuda f'kuntest ta' emerġenza pubblika;[3]
- kienet għal żmien limitat;
- hija kwistjoni ta' value for money u mhux ta' imġieba etika, u għalhekk ir-responsabilità tal-Awditur Ġenerali.

18. L-ewwel punt elenkat f'dan is-sommarju huwa bbażat fuq l-artikolu 20(1)(ċ) tal-Kap 570. L-artikolu 20(1) jgħid hekk:

> *Meta l-Prim Ministru jiċċertifika li l-għoti ta' xi tagħrif jew it-tweġib ta' xi mistoqsija jew il-produzzjoni ta' xi oġġett, inkartament jew dokument ieħor –*

---

[2] https://timesofmalta.com/articles/view/ideal-home-lies-vacant-as-gozo-elderly-are-moved-to-cramped-hotel.788039.

[3] https://legislation.mt/eli/ln/2020/115/mlt/pdf.

*(a) ikun jolqot is-sigurtà jew id-difiża ta' Malta jew ir-relazzjonijiet jew arranġamenti bejn il-Gvern ta' Malta u xi Gvern ieħor jew xi organizzazzjoni internazzjonali ta' Stati jew Gvernijiet; jew*

*(b) ikun x'aktarx jagħmel ħsara serja lill-ekonomija nazzjonali; jew*

*(ċ) ikun jinvolvi l-kxif tad-diskussjonijiet jew proċedimenti tal-Kabinett jew ta' xi kumitat tal-Kabinett; jew*

*(d) ikun jippreġudika l-investigazzjoni jew is-sejbien ta' reati,*

*il-Kummissarju ma għandux jenħtieġ li t-tagħrif jew ir-risposta jkollhom jingħataw jew, skont il-każ, li l-oġġett, inkartament jew dokument ieħor jiġu prodotti.*

19. Erġajt ktibt lill-Ministru Camilleri fis-6 ta' Jannar 2021 (kopja annessa u mmarkata Dokument D) b'riferenza għall-ittra tiegħu tat-18 ta' Novembru 2020 b'risposta għal dik tiegħi tal-4 ta' Novembru 2020, kif ġej:

*Nibda biex nassigurak illi studjajt sewwa l-oġġezzjoni magħmula fl-ittra tiegħek li l-investigazzjoni tiegħi dwar dan l-ilment allegatament "teżorbita mill-kompetenza [tiegħi] u tmur kontra l-provvedimenti tal-liġi … li jirregolaw il-funzjonijiet [tiegħi]".*

*Din l-oġġezzjoni ġiet ibbażata fuq il-paragrafu (ċ) tal-ewwel sub-artikolu tal-artikolu 20 tal-Kap 570. Pero' ma jidhirlix li l-Prim Ministru ċċertifika li m'għandhiex tingħata tweġiba kif prospettat f'dak is-subartikolu, in oltre mhix l-intenzjoni tiegħi li nitlob xi tagħrif jew nitlob il-produzzjoni ta' xi oġġett, inkartament jew xi dokument ieħor li "ikun jinvolvi l-kxif tad-diskussjonijiet jew proċedimenti tal-Kabinett jew ta' xi kumitat tal-Kabinett".*

*Is-subartikolu (1) tal-artikolu 20 hu eċċezzjoni għal dak provdut fis-subartikolu (2) tal-artikolu 19 tal-Kap 570, u bħal kull eċċezzjoni għandu jiġi interpretat restrittivament; żgur m'għandux jiġi interpretat b'mod li jimmina jew jistultifika l-iskop kollu tal-Att XIII tal-2017 u jipprekludini milli ninvestiga ilment dwar abbuż tal-poter jew ksur tal-kodiċi ta' etika minn ministru fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, għax jgħid li ikun qed jaġixxi dwar xi ħaġa li setgħet ġiet diskussa jew deċiża fil-Kabinett (ħaġa li skont il-liġi ma nistax nivverifika). Jien qiegħed nillimita ruħi fl-*

*investigazzjoni dwar dan l-ilment għal dak li jikkonċerna lilek bħala ministru mingħajr ebda konsiderazzjoni jekk dan kienx jew le diskuss fil-Kabinett jew jirriżultax minn deċiżjoni tiegħu jew jekk kellux l-approvazzjoni tal-istess.*

*Kif semmejt fl-ittra tiegħi tal-4 ta' Novembru jien qed nikkonsidra l-ilment in kwistjoni anke fil-kuntest tal-artikolu 22(2) tal-Kap 570. Dan ifisser, biss, illi wara li tiġi konkluża kull investigazzjoni li nista' nagħmel dwar il-każ, inkun nista' nieħu l-provvedimenti elenkati fl-istess artikolu. Nassigurak illi jiena nagħtik kull opportunità li tinstema. Kien għalhekk illi ġà tlabtek tagħti r-reazzjonijiet tiegħek b'mod ġenerali, u ser ngħaddi aktar 'il quddiem f'din l-ittra biex nitolbok li tagħti ir-reazzjoni u t-tweġibiet tiegħek għad-domandi li ser nagħmel f'din l-ittra.*

*Saret riferenza ukoll għall-artikolu 13(4) tal-Kap 570. Ġie sostnut illi minn dak l-artikolu jsegwi li l-Kabinett mhux sindakabbli mill-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u li l-għan tal-Att dwar l-Istandards fil-Hajja Pubblika kienet li jiġi sindakat l-għemil ta' ministru jew persuna partikolari, u mhux deċiżjoni tal-Kabinett. Naqbel ma' dan, u nassigurak illi l-għan u l-iskop ta' din l-investigazzjoni ma tikkonċernax il-Kabinett jew xi deċiżjoni tiegħu, iżda l-għemil tal-Ministru independentement jekk hux jew le konformi jew kontra xi deċiżjoni tal-Kabinett.*

*Għalhekk ninfurmak li mhux ser nastjeni u ser inkompli bl-indaġni tiegħi dwar dan l-ilment kif awtorizzat u skond il-provvedimenti tal-Att tal-2017 dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika (il-Kap 570).*

*Fid-dawl ta' dan kollu nitlob il-kollaborazzjoni tiegħek f'din l-investigazzjoni billi ngħaddilek id-domandi li ġejjin li int mitlub tirrispondi skont kif jipprovdi l-artikolu 18(5) tal-Kap 570, u biex ukoll tagħti kull kumment jew reazzjoni tiegħek għall-fatti li joħorġu mid-domandi u tweġibiet sussegwenti:*

*1. Meta bdew, u meta ġew konklużi, it-trattativi mad-Downtown Hotel?*

*2. Meta bdew il-preparattivi, f'Għawdex, għall-pandemija? L-ewwel każijiet fiċ-Ċina kienu f'Diċembru 2019, fl-Italja fl-aħħar ta' Jannar 2020 u wasal f'Malta bl-ewwel każ fis-7 ta' Marzu 2020.*

*3. Qabel ma, jew fl-istess żmien li, bdew it-trattativi mas-sidien tad-Downtown Hotel, ġew avviċinati lukandi jew stabbilimenti oħra f'Għawdex li setgħu kienu f'pożizzjoni joffru servizzi simili?*

*4. Saru taħdidiet ma' ħaddieħor? Ma' min? Kif wasaltu għall-konklużjoni li d-Downtown Hotel, u mhux oħrajn, kellha tkun dik li magħha għandhom isiru n-negozjati?*

*5. Kif jipparaguna l-prezz miftiehem mad-Downtown Hotel, mal-prezz ta' sodod fi djar tal-anzjani (bla provvista ta' ikel u staff)?*

*6. Meta ngħata l-permess tad-Direttur tal-Kuntratti biex dan il-kuntratt isir bi proċedura negozjata? Meta intalab il-permess? Kien hemm kondizzjonijiet marbutin mal-permess?*

*7. Taħt liema regolament tal-LS.601.03 ġie mogħti l-permess, u fuq liema bażi ġiet iġġustifikata l-urġenza skont kif provdut fil-paragrafu (ċ) tal-regolament 153 jew 154 (skond liema japplika)?*

*8. Meta ngħatat l-emergency licence mis-Social Care Standards Authority lid-Downtown Hotel?*

*9. Ittieħdu passi biex fl-għeluq tal-kuntratt mad-Downtown Hotel tinħareġ sejħa pubblika kemm-il darba jkun għad hemm bżonn għas-servizz in kwistjoni?*

*Napprezza risposta flimkien ma' xi kummenti li jidhirlek opportuni sa* ***nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021****.*

*Nitolbok ukoll mat-tweġibiet tiegħek tibgħat:*

*a) kopja tal-kuntratt mad-Downtown Hotel;*

*b) kopja tal-permess tad-Direttur tal-Kuntratti biex il-kuntratt isir bi proċedura negozjata, kif ukoll kopja tal-korrispondenza rigwardanti dak il-permess; u*

*c) xi dokumenti li jista' jkollok dwar kif saret l-investigazzjoni fuq is-suq dwar possibilità ta' offerenti oħra ma' min setgħu jsiru negozjati.*

20. Fis-7 ta' Jannar 2021 irċevejt ittra mill-Prim Ministru (kopja annessa u mmarkata Dokument E) fejn iċċertifika li l-intier tal-materja mertu ta' dan il-

każ tikkonċerna deċiżjoni kollettiva tal-Kabinett tal-Ministri, meħuda fil-kuntest ta' emergenza ta' saħħa pubblika. Huwa ċċertifika ai termini tal-artikolu 20(1)(ċ) tal-Kap 570 li l-għoti ta' tagħrif jew it-tweġib ta' kull mistoqsija jew il-produzzjoni ta' xi oġġett, inkartament jew dokument ieħor dwar l-istess suġġett ikun jinvolvi l-kxif ta' diskussjonijiet jew proċedimenti tal-Kabinett u li dan jgħodd ukoll għal kwalunkwe dokument diġà prodott quddiemi. B'hekk talabni nirregola ruħi skont ma jipprovdi l-artikolu 20 tal-Kap 570.

21. Sussegwentement irċevejt risposta mill-Ministru Camilleri (kopja annessa u mmarkata Dokument F) fejn qal li m'għandu xejn xi jżid mal-ittra tal-Prim Ministru.

22. Fid-19 ta' April 2021 ħadt ix-xhieda tar-Reverenda Carmelita Borg, Madre tas-Sorijiet Dumnikani. Hi kkonfermat li għalkemm f'xi żmien qabel il-pandemija kien hemm diskussjonijiet mal-gvern biex id-dar magħrufa bħala Lourdes Home issir dar għall-anzjani, dawn ma tkomplewx għal diversi raġunijiet fosthom għaliex id-dar ma kinetx adattata. Hija elenkat erba' raġunijiet għaliex hija jidhrilha li d-dar mhix adattata u lanqas tista' tintuża bħala dar għall-anzjani:

1. Dan il-post ma ġiex ippjanat u mibni biex jindirizza I-bżonnijiet tal-anzjani, wisq inqas tal-anzjani li jiddependu fuq carers/nurses għall-għajnuna:
    - Il-bibien mhumiex wesgħin biżżejjed biex tgħaddi nursing bed.
    - Il-kmamar tal-banju mhumiex kbar u ma ġewx iddisinjati biex jakkomodaw il-bżonnijiet tal-anzjani.
    - Is-sular ta' fuq hu konness mas-sular t'isfel permezz ta' lift u taraġ. F'każ ta' emerġenza. bħal nar jew qtugħ ta' enerġija elettrika, il-lift ma jkunx jista' jintuża u t-taraġ mhumiex wiesgħa biżżejjed biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jġorru wheelchair jew stretcher.

2. Il-post m'għandux spazju għal stores u uffiċċji.

3. Dan il-post kien u għadu qed jintuża bħala kunvent tas-sorijiet. Parti minnu huwa dar tal-irtiri. Kull min jiġi u jorqod hemm, jiġi ghal skop ta' talb u mhux għal vaganza jew rikreazzjoni bħalma ġie rrapurtat fil-midja. Għalhekk ikun impossibbli biex tikkontrolla l-post jekk ikun hemm amministrazzjoni oħra, indipendenti u bi skopijiet kompletament differenti, b'numru ta' ħaddiema u pazjenti, jgħixu u jaħdmu f'dan il-post.

4. Dan il-post hu proprjetà tas-Sorijiet Dumnikani ta' Malta. Dan seħħ permezz tal-ftehim li kien sar bejn il-Vatikan u l-gvern Malti fl-1991. Iċ-ċens temporanju li kien jitħallas fuqu kien inqaleb f'ċens perpetwu li mbagħad kien ġie mifdi fl-2017.

**Kunsiderazzjonijiet**

**Ċertifikat tal-Prim Ministru maħruġ skont l-art 20(1)(ċ) tal-Kap 570**

23. Il-Prim Ministru b'ittra tas-7 ta' Jannar 2021 ai termini tal-artikolu 20(1)(ċ) tal-Kap 570 tal-liġijiet ta' Malta iċċertifika li l-għoti ta' xi tagħrif jew it-tweġib ta' xi mistoqsija jew il-produzzjoni ta' xi oġġett, inkartament jew dokument ieħor ikun jinvolvi l-kxif tad-diskussjonijiet jew proċedimenti tal-Kabinett. Kif inhi miktuba din l-ittra, donnha hija intiża biex tkopri l-materja kollha kemm hi tal-każ, inkluż dak li m'għandux x'jaqsam ma' diskussjonijiet tal-Kabinett, u inkluż ukoll dokumenti li setgħu kienu diġà fornuti lili qabel ma rċevejt l-ittra. L-effett ta' dan ikun li jżommni milli ninvestiga l-każ.

24. Jiena konfortat minn parir legali li filwaqt li ċertifikat maħruġ skont l-artikolu 20(1) tal-Kap 570 jista' jżommni milli niġbor ċertu tip ta' informazzjoni, ma jistax iwaqqafni milli nkompli ninvestiga l-każ u niġbor informazzjoni li ma taqax fil-kategorija speċifikata. Għalhekk ċertifikat tal-Prim Ministru skont l-

artikolu 20(1) jorbot il-Kummissarju dwar x'jista' jitlob iżda ma jwaqqfux milli jinvestiga materja li dwarha jkun sar ilment.

25. L-ittra tal-Ministru Camilleri datata 18 ta' Novembru 2020 (Dok Ċ) hija stqarrija bil-miktub, jiġifieri forma ta' xhieda, u mhux dokument pre-eżistenti li ġie fornut lili bħala evidenza. Għaldaqstant nifhem li r-riferenza fl-ittra tal-Prim Ministru għal "*kwalunkwe dokument diġà prodott quddiemek*" ma tapplikax għall-ittra tal-Ministru Camilleri. Barra minn hekk, it-tali ittra b'ebda mod ma tiżvela dettalji dwar diskussjonijiet jew proċedimenti tal-Kabinett. Għal dawn iż-żewġ raġunijiet jiena ddeċidejt li għandi nsegwi l-prattika normali tiegħi billi nirriproduċi l-ittra tal-Ministru Camilleri ma' dan ir-rapport.

26. Dan ma jfissirx li qed naċċetta li kont inkun miżmum milli nippubblika l-ittra tal-Ministru Camilleri kieku dawn ir-raġunijiet ma kinux japplikaw. Qed nirriserva l-pożizzjoni tiegħi dwar kemm ċertifikat maħruġ taħt l-artikolu 20(1) tal-Kap 570 jista' jżommni milli nippubblika materjal li jkun diġà ġie fornut lili, dejjem suġġett għall-limitazzjonijiet imposti fuqi u fuq il-Prim Ministru fl-artikolu 20(1).

**L-irwol tal-Ministru Camilleri**

27. Huwa minnu li jiena ma nistax nissindika deċiżjonijiet tal-Kabinett, iżda dan ifisser li ministru li jabbuża mill-poter jew jikser l-etika effettivament jiġi eżonerat jekk jagħmel dan in konnessjoni ma' deċiżjoni tal-Kabinett? Jiena jidhirli li dan m'għandux ikun il-każ, u ministru jibqa' risponsabbli għall-għemil tiegħu anki jekk ikun qed jesegwixxi deċiżjoni tal-Kabinett.

28. Biss, fid-dawl tax-xhieda ta' Madre Carmelita Borg f'dan il-każ, ma jirriżultax li l-Ministru Camilleri ħa xi azzjoni li setgħet tesponih għall-akkuża li wettaq setgħa diskrezzjonali b'mod li tikkostitwixxi abbuż ta' poter jew ksur ta' etika.

**L-adegwatezza ta' Lourdes Home**

29. Dwar l-allegazzjoni li l-Lourdes Home kienet aktar adegwata u irħas mid-Downtown Hotel, jirriżulta minn dak li xehdet quddiemi Madre Carmelita Borg li l-Ordni tas-Sorijiet Dumnikani ma kellhiex ir-rieda li toffri Lourdes Home lill-gvern biex jospita anzjani trasferiti mill-isptar ta' Għawdex, oltre l-fatt li huma tal-fehma li l-post ma kienx adegwat.

30. Għalhekk l-allegazzjoni fl-ilment li l-Ministru Camilleri naqas li jikkunsidra l-Lourdes Home bħala alternattiva għad-Downtown Hotel, indipendentement mid-deċiżjoni tal-Kabinett, hija evidentement bla bażi.

**Direct order**

31. Kif diġà ġie spjegat f'dan ir-rapport, il-validità tal-allegazzjoni li l-użu ta' direct order fih innifsu jirrappreżenta abbuż ta' poter jiddependi fuq il-validità tal-allegazzjoni li l-Lourdes Home kienet tirrappreżenta alternattiva aktar adattata u irħas mid-Downtown Hotel. Ġaladarba rriżulta li din l-allegazzjoni hija bla bażi, m'għandi ebda bażi biex ninvestiga l-użu ta' direct order, b'mod partikolari meta wieħed iqis li direct orders huma permessi f'ċerti ċirkostanzi u l-pajjiż kien f'sitwazzjoni ta' emerġenza ta' saħħa pubblika.

**Konklużjonijiet**

32. Għaldaqstant filwaqt li jirriżulta li dina kienet deċiżjoni meħuda mill-Kabinett tal-Ministri u li l-Ministru Camilleri kien qed jesegwixxi dik id-deċiżjoni, minn dak li jirriżulta indipendentement u irrespettivament minn dak li ġie deċiż fil-Kabinett tal-Ministri ma hemm xejn xi jwassalni għall-fehma li l-Onor Clint Camilleri fl-imġiba li tikkostitwixxi l-qofol tal-allegazzjoni, wettaq xi setgħa diskrezzjonali b'mod li jikkostitwixxi abbuż ta' poter. Għalhekk dan l-ilment ma jistax jintlaqa'.

33. Dan ir-rapport qed jintbagħat lill-Ilmentatur, lill-Prim Ministru, lill-Ministru Clint Camilleri u lill-Kumitat tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq il-website tal-uffiċċju tiegħi.[4]

**Dr George Marius Hyzler**

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

---

4 https://standardscommissioner.com/?lang=mt.

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datat 27 ta' April 2020 mingħand il-Prof Arnold Cassola. |
| Dokument B | Ittra datata 4 ta' Novembru 2020 lill-Ministru Clint Camilleri. |
| Dokument Ċ | Risposta datata 18 ta' Novembru 2020 mingħand il-Ministru Clint Camilleri. |
| Dokument D | Ittra datata 6 ta' Jannar 2021 lill-Ministru Clint Camilleri. |
| Dokument E | Ittra datata 7 ta' Jannar 2021 mingħand il-Prim Ministru. |
| Dokument F | Ittra datata 19 ta' Jannar 2021 mingħand il-Ministru Clint Camilleri. |

DOKUMENT A

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | Arnold Cassola <[redacted]> |
| **Sent:** | Monday, 27 April 2020 10:36 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | Talba inkjesta Arnold Cassola |
| **Attachments:** | lourdes home.jpg; lourdes home.jpg; lourdes home pjanta.png; downtown.jpg; downtown.jpg |

Għażiż Dr Hyzler,

Qiegħed nitolbok tiftaħ investigazzjoni fuq l-imġiba tal-Ministru Clint Camilleri fir-rigward tad-direct order li nħareġ biex il-lukanda Down Town, fir-Rabat, Għawdex, tinbidel f' Dar tal-Anzjani.

Mill-artikli hawnhekk annessi, joħroġ li l-Ministeru ta' Għawdex għamel kuntratt mas-suddetta Lukanda, mingħajr ebda sejħa pubbliku skont il-prassi, u ta Kuntratt ta' sena b'Direct order, fejn impenja lill-Gvern iħallas somma ta' 54.90 ewro kuljum kull sodda, jiġifieri 109.80 ewro kull kamra (38 kamra) kuljum, li jfissru madwar miljun u sitt mitt elf ewro f'sena.

Waqt li d-daqs ta' ftit kmamar fis-suddetta lukanda jaqbeż il-minimu legali rikjest ta' 4 metri bi 3; il maggoranza tagħhom huma propju l-minimu.

Il-prezz innegozjat ma jinkludi la l-ikel u lanqas il-pagi tal-istaff.

Jirriżulta li l-Gvern għandu art tiegħu stess, li fuqha hija mibnija Lourdes Home, li hija mogħtija b'ċens ta' 500 ewro fis-sena lis-sorijiet Dumnikani, li huma marbuta b'obbligi speċjali ta' natura soċjali.

Din il--proprjeta', li fl-imgħoddi kienet adibita għall- użu ta' orfanatrofju, għandha aktar kmamar mid-Down Town (45 ensuite) u, fuq kollox, il-kmamar u l-kurituri huma aktar spazjużi minn dawk tal-hotel. Hemm ukoll ġonna u spazji fl-apert, flimkien ma' parkeġġ taħt l-art għal 32 karozza pienament aċċessibbli għal persuni b'diżabbilta'.

Illum is-sorijiet jikru l-kmamar lit-turisti għall-prezz ta' 45 ewro kull persuna, inkluż l-ikel.

Stante il-fatt li jekk Lourdes House kellha bżonn xi tibdiliet strutturali anki DownTown kien jeħtiġilha dawn it-tibdiliet, jista' il-Kummissarju jinvestiga jekk kenitx imġiba etika u approprjata tal-Ministru Camilleri li ma jagħmilx użu minn proprjeta' mibnija fuq art tal-Gvern, partikolarment:

Għax Lourdes House kienet tissoddisfa r-rekwiżiti rikjesti mill-Ministeru ta':

1. “having no adjacent building, thus enjoying a measure of isolation”;
2. "immediate availability of 80 beds under one roof";

kif ukoll:

3. kmamar aktar spazjużi u ambjent ta' madwar aktar spazjuż, u isbaħ, mhux cirkondat minn bini;
4. il-prezz innegozjat mill-Ministeru mad-DownTown ghal kull kamra (bla ikel) huwa ogħla mill-prezz mitlub attwalment mis-sorijiet għal kull kamra (ikel inkluż).

Sur Kummissarju, mingħajr prġudizzju għal dak hawn fuq miktub, qiegħed ukoll nitolbok tinvestiga għaliex il-Ministru għal Għawdex ħass il-bżonn li jinnegozja direttament mas-sidien tad-Downtown, jagħti Direct Order lilhom u ma joħroġx tender pubbliku b'terminu qasir (bejn 3 u 7 ijiem), bħalma fil-fatt ġara Malta għall-bini ta' sptar ġdid temporanju.

Nirringrazzjak tal-attenzjoni, u nselli għalik.

Tislijiet,

Arnold Cassola

Annessi żewġ artikli u pjanti u ritratti tal-propjetajiet imsemmija

https://timesofmalta.com/articles/view/gozo-hotel-makes-16m-to-take-in-elderly-patients.786557

https://timesofmalta.com/articles/view/ideal-home-lies-vacant-as-gozo-elderly-are-moved-to-cramped-hotel.788039

DOKUMENT B

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

4 ta' Novembru 2020

L-Onor Clint Camilleri MP
Ministru għal Għawdex

Bl-email fuq l-indirizz
clint.camilleri@gov.mt

Onorevoli,

**Każ K/026: Ordni għat-tibdil tad-Downtown Hotel f'dar tal-anzjani**

Jiena ġejt mitlub ninvestiga allegazzjoni li f'April tal-2020, inti, permezz ta' direct order, ordnajt li lukanda f'Għawdex bl-isem Downtown Hotel tinbidel biex tintuża bħala residenza tal-anzjani, u dan b'infieq eċċessiv ta' fondi pubbliċi meta mqabbel mar-rati li s-soltu jitħallsu għall-akkomodazzjoni tal-anzjani, u minkejja li teżisti proprjetà aktar adattata.

Qed nibgħatlek kopja tal-ilment u korrispondenza oħra li jiena rċevejt dwar dan il-każ mingħand l-ilmentatur.

Jiena qed nikkunsidra dan il-każ fil-kuntest tal-artikolu 22(2) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), li jirreferi għat-twettiq ta' *"xi setgħa diskrezzjonali b'mod li jikkostitwixxi abbuż ta' poter"*, kif ukoll fil-kuntest tal-kodiċi ta' etika għall-ministri u s-segretarji parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-istess Att. Id-dispożizzjonijiet f'dan il-kodiċi li jidhru relevanti huma s-segwenti:

> *4.4 Il-Ministri għandhom bl-aktar mod possibbli jkunu miftuħa fl-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament u lill-pubbliku inġenerali.*
>
> *5.1 Sens ta' servizz – il-ġid suprem huwa l-ġid komuni u Ministru m'għandux ikun motivat minn sens ta' gwadann personali, familjari, ta' ħbiebu jew persuni qrib tiegħu, iżda biss minn sens ta' servizz lejn il-komunità inġenerali u l-ġid komuni, għax fuq kollox hu qed jamministra beni pubbliċi f'isem il-pubbliku inġenerali.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza*

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

*inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

*5.4 Oġġettività – fil-qadi tad-doveri pubbliċi, inkluż fil-ħatriet għall-karigi, l-għoti ta' kuntratti, jew fil-kuntest ta' kull għoti ta' benefiċċji.*

*5.5 Kontabilità – il-Ministri jamministraw beni pubbliċi u għandhom ikunu trasparenti fl-operat tagħhom u miftuħa għall-iskrutinju neċessarju.*

*5.6 Trasparenza – il-Ministri għandhom kemm jista' jkun jaqdu d-doveri tagħhom b'mod miftuħ u trasparenti, u għalhekk jagħtu raġunijiet għad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tagħhom.*

Inti ġentilment mitlub tagħti r-reazzjonijiet tiegħek b'mod ġenerali dwar l-allegazzjonijiet in kwistjoni.

Napprezza risposta sa nhar **il-Ġimgħa 20 ta' Novembru 2020**.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT Ċ

Dr. George Marius Hyzler,
Kummissarju Għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika,
11 Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

18 ta' Novembru 2020

Għażiż Sur Kummissarju,

***Dwar: Każ K/026: Ordni għat-Tibdil tad-Downtown Hotel f'Dar tal-Anzjani***

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek tal-4 ta' Novembru 2020 dwar is-suġġett imsemmi fuq.

L-ilment inkwistjoni jidher li oriġina permezz ta' e-mail tas-Sur Arnold Cassola tas-27 ta' April 2020 lill-Uffiċċju tal-Kummissarju li fih is-Sur Cassola talbek "tiftaħ investigazzjoni fuq l-imġiba tal-Ministru Clint Camilleri fir-rigward tad-direct order li nħareġ biex il-lukanda Down Town fir-Rabat, Għawdex tinbidel f'dar tal-anzjani".

Dan l-ilment hu msejjes fuq żewġ premessi fattwalment żbaljati. Qabel kollox, id-deċiżjoni dwar l-użu temporanju tal-lukanda Down Town fir-Rabat, Għawdex, bħala dar tal-anzjani, kienet **deċiżjoni kollettiva tal-Kabinett tal-Ministri**. Barra minn hekk, hu żbaljat li jingħad li dan kien każ ta' direct order, kif ser nispjega aktar 'il quddiem f'din ir-risposta.

Nirreferik għall-paragrafu (c) tal-ewwel sub-inċiż tal-artikolu 20 tal-Att dwar l-istandards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta) li jivvjetak milli titlob li jingħatalek tagħrif jew risposta, jew li jiġi prodott quddiemek oġġett, inkartament jew dokument ieħor, dwar "diskussjonijiet jew proċedimenti tal-Kabinett", *multo magis* allura li tindaga u tinvestiga dwar l-istess. Għalhekk, l-investigazzjoni mibdija minnek dwar dan l-ilment, u kull investigazzjoni ulterjuri mwettqa minnek fir-rigward, <u>teżorbita mill-kompetenza tiegħek u tmur kontra l-provvedimenti tal-liġi msemmija li jirregolaw il-funzjonijiet tiegħek</u>.

Barra dan, huwa manifest illi l-ilment dwar l-għoti ta' kuntratt pubbliku hu dwar *'value for money'* u mhux dwar 'standards fil-ħajja pubblika' *ut sic*. Għalhekk ukoll, insostni illi l-ilment fis-sustanza tiegħu jaqa' barra l-kompetenza tiegħek.

Dejjem bla ħsara għal dak li ngħad s'issa, ninnota li fl-ittra tiegħek tal-4 ta' Novembru 2020 jiena ġejt informat illi l-każ qiegħed jiġi propost li jiġi kunsidrat "fil-kuntest tal-artikolu 22(2) tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika" u fil-kuntest tal-paragrafi 4.4, 5.1, u 5.3 sa 5.6 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari.

Fl-ewwel lok nirrileva illi l-artikolu 22 tal-Kap 570 ma jirreferix għall-istadju ta' meta tibda investigazzjoni iżda għall-istadju ta' meta investigazzjoni tkun intemmet b'eżitu favorevoli għall-ilmentatur għall-inqas sal-grad tal-*prima facie* :

"22 (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw f'kull każ meta, wara li ssir investigazzjoni bis-saħħa ta' dan l-Att, il-Kummissarju jkun tal-fehma li l-allegazzjoni li tkun tifforma l-qofol tal-investigazzjoni –

(a) tidher li *prima facie* tkun saret kontra dak li trid il-liġi; jew
(b) tkun *prima facie* kisret xi dmir statutorju jew etiku kif previst taħt dan l-Att jew kull liġi oħra.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu wkoll japplikaw f'kull każ meta l-Kummissarju jkun tal-fehma li fl-imġiba li tikkostitwixxi l-qofol tal-allegazzjoni, tkun twettqet xi setgħa diskrezzjonali b'mod li jikkostitwixxi abbuż ta' poter."

Illi għalhekk nissottometti illi ladarba jien ma ġejt mgħarraf b'ebda investigazzjoni ntiża biex tistabbilixxi jekk kienx hemm prima facie każ, l-artikolu 22 tal-Kap 570 ma jistax jiġi ċitat bħala bażi ta' investigazzjoni li għadha qed tibda.

Mill-banda l-oħra jekk din l-investigazzjoni saret jien nissottometti illi din saret b'mod irregolari peress illi jien ma ngħatajt ebda opportunità li ninstema'.

**Il-Fatti u l-Mertu**

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess nissottometti s-segwenti:

Il-kuntratt pubbliku li minnu jilmenta s-Sur Cassola sar f'sitwazzjoni ta' emerġenza, fejn saħansitra kien hemm dikjarazzjoni ta' emerġenza ta' saħħa pubblika viġenti maħruġa mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika. Din hija waħda mis-sitwazzjonijiet fejn huwa permess mill-liġi dwar il-kuntratti pubbliċi illi jsir rikors għall-proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel skont ir-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku (LS 601.03). Inżid illi l-Gvern li minnu nifforma parti - kif għamlu u għadhom qed jagħmlu Gvernijiet oħra fl-Ewropa - uża din is-sistema frekwentement tul din il-pandemija biex insalvaw il-ħajjiet u nipproteġu s-saħħa tan-nies.

Hawn tajjeb wieħed jiċċara li l-kuntratt sar f'perjodu fejn il-pajjiż kien (kif għadu) rinfaċċjat b'sitwazzjoni ta' pandemija fejn, dak iż-żmien, l-istudji tal-esperti mediċi, inkluż tal-Awtorità tas-Saħħa Pubblika, kienu lkoll jindikaw li fin-nuqqas ta' teħid ta' miżuri immedjati kontra t-tixrid tal-virus, din il-pandemija kienet ser twassal għall-mewt ta' għexieren ta' eluf ta' persuni, b'dawk l-aktar f'riskju jkunu persuni vulnerabbli, fosthom l-anzjani fis-soċjetà tagħna. Dan kif wara kollox kienet is-sitwazzjoni f'diversi pajjiżi barra minn xtutna, fejn ta' kuljum kienu qed jitilfu ħajjithom eluf, jekk mhux għexieren ta' eluf ta' persuni. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Gvern kellu jilqa' għal kull theddida għas-saħħa tal-Maltin u l-Għawdxin u jipprepara għal kull eventwalità.

Nerġa' naċċenna għall-fatt illi d-deċiżjoni li dwarha sar l-ilment hija deċiżjoni tal-Kabinett tal-Ministri. Irrid nagħmilha ċara li dan il-punt mhux qed insemmih għax jiena għandi xi dubju dwar in-neċessità tad-deċiżjoni li ttieħdet, u ħafna oħrajn simili. Ma għandi assolutament l-ebda rammariku dwar l-istess u fil-kuxjenza tiegħi naf illi din kienet deċiżjoni meħtieġa sabiex l-anzjani tagħna, li tant taw lil pajjiżna, jiġu kemm jista' jkun protetti; kemm dakinhar iżda aktar u aktar illum illi l-inċidenza ta' nies affettwati bil-COVID-19 żdiedet u li n-nies anzjani huma meqjusa fost l-aktar vulnerabbli.

Dan il-punt qed però jiġi rilevat in vista ta' dak li jipprovdi l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570), inkluż l-Artikolu 13(4) li jipprovdi illi:

"Fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, il-Kummissarju m'għandux jippreġudika t-twettiq ta' kull dmir assenjat jew prerogattiva mogħtija mill-Kostituzzjoni lil xi persuna, awtorità jew detentur ta' kariga politika u b'mod partikolari, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ngħad qabel, huwa m'għandux jippreġudika l-poteri u prerogattivi tal-Prim Ministru fuq il-Kabinett."

Il-Kostituzzjoni ta' Malta stess titlob li jkun hemm Kabinett tal-Ministri, liema Kabinett fi kliem l-istess Kostituzzjoni jkollu *"d-direzzjoni ġenerali u l-kontroll tal-Gvern ta' Malta u jkun responsabbli kollettivament dwar hekk lejn il-Parlament"*. Dan il-kontroll huwa aktar importanti fi żmien ta' kriżi li bih qed jiġi rrinfaċċat il-poplu Malti u Għawdxi.

Minn dan kollu joħorġu żewġ punti; l-ewwel huwa li l-Kabinett huwa awtorità prevista mill-Kostituzzjoni, kif ukoll illi l-istess Kabinett jirrispondi lill-Parlament.

Fiċ-ċirkostanzi għandu jsegwi illi d-deċiżjoni tal-Kabinett fil-kuntest ta' dan kollu mhix - bid-dovut rispett - sindikabbli mill-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika; iżda tista' semai tiġi ssindikata fil-Parlament bħal kull deċiżjoni oħra tal-Kabinett.

Dan kollu jirrifletti wkoll l-għan tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika stess. L-intenzjoni ta' dan l-Att kienet dik illi jiġi sindikat l-għemil ta' Ministru jew persuna in partikolari, u mhux deċiżjoni tal-Kabinett ossia tal-Eżekuttiv.

B'dan il-punt magħmul ukoll, u mingħajr preġudizzju għar-ramifikazzjonijiet legali tiegħu, issa nista' forsi ngħaddi sabiex niddiskuti l-mertu f'aktar dettall.

It-Task Force li twaqqfet dwar il-COVID-19 kienet ippreparat pjan ta' kontinġenza fil-każ illi l-Isptar Mater Dei ma jibqax f'pożizzjoni fejn ikun jista' jkompli jilqa' pazjenti Għawdxin li jkunu morda bil-COVID-19. L-istess Task Force bassret illi dak ix-xenarju seta' jimmaterjalizza jekk il-każijiet ikomplu jiżdiedu.

Steward Malta li tmexxi l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex kienet ikkonfermat illi setgħet tipprovdi madwar 120 sodda, jekk il-madwar 80 sodda li kienu okkupati minn residenti anzjani fis-Sala Sant'Anna tal-istess sptar, jiġu rilokati. F'dak il-perjodu kien proġettat illi, kemm il-darba ma jiġux provduti dawn il-120 sodda għall-pazjenti COVID-19 fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, is-sistema tas-saħħa setgħet tikkrolla u ma tkunx tista' toffri servizz għall-pazjenti kollha li kienet teħtiġilhom il-kura.

Il-Gvern għalhekk sab ruħu rinfaċċat b'numru ta' sfidi kbar illi kellu jipprovdi għalihom malajr u b'mod meqjus.

Kien invista ta' dawn l-isfidi u tal-ħtiġijiet u l-fatti partikolari tagħhom illi l-Ministeru għal Għawdex u l-Ministeru għas-Saħħa, wara li eżaminaw sewwa l-kundizzjonijiet tas-suq f'Għawdex, u wara li ġiet ottenuta l-approvazzjoni tal-Kabinett tal-Ministri rrikorrew għall-proċedura negozjata li hija regolata mir-regolamenti 150 sa 156 tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku (LS 601.03). Dan għamluh in ottemperanza ma' dak li jipprovdu l-istess regolamenti.

Il-kuntratt pubbliku għadda mill-proċess legali meħtieġ u mill-kontrolli kollha dwar kuntratti tan-natura tiegħu, **inkluża l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti, u ma kien jinvolvi ebda abbuż ta' poter.**

Il-proċedura negozjata ġiet konkluża biss wara li nkisbu l-approvazzjonijiet kollha meħtieġa u wkoll wara li kien hemm l-approvazzjoni minn qabel tal-Kabinett. Liema punt diġà ġie sostnut qabel. Dan biex wieħed ma jsemmix l-*emergency license* illi nħarġet mid-dipartiment konċernat (Social Care Standards Authority) rigward il-lukanda sabiex setgħet tintuża biex tilqa' fiha l-anzjani - punt li minnu nnifsu jikkonfema illi l-proprjetà inkwistjoni kienet tissodisfa l-kweżiti relattivi għall-ħruġ ta' liċenzja simili.

L-'abbuż ta' poter' jirriżulta meta jkun hemm sitwazzjoni fejn persuna li teżercita poter pubbliku tuża dak il-poter għal skopijiet mhux xierqa jew abbażi ta' kunsiderazzjonijiet irrelevanti. F'dan il-każ il-Gvern akkwista s-servizzi ta' lukanda **għal żmien limitat** f'sitwazzjoni ta' emerġenza biex jilqa' għall-effetti tal-pandemija fuq l-anzjani u wkoll sabiex l-Isptar Ġenerali t'Għawdex ikollu biżżejjed sodod għal pazjenti tal-COVID-19 li kienet teħtiġilhom il-kura. Ma hemm ebda għan mhux xieraq jew konsiderazzjoni irrelevanti f'dan jew fil-mod kif ġie konkluż il-kuntratt. Wieħed tabilħaqq jistaqsi li kieku din id-deċiżjoni għaqlija ma tteħditx f'dak il-mument, x'kien ser jiġri mill-anzjani Għawdxin illum meta, kif ingħad, il-każijiet tal-COVID-19 żdiedu! X'kien jiġri li kieku l-każijiet splodew kif kien proġettat u l-Isptar Ġenerali t'Għawdex ma kienx ikollu spazju u sodod biżżejjed għall-pazjenti bil-COVID-19! Għaldaqstant, b'idi fuq qalbi, bħala Ministru għal Għawdex kburi li dan il-Gvern ħaseb mill-bidu nett fis-saħħa tal-Għawdxin u l-Maltin. Kieku ma sar xejn aktarx kien jiġi l-ilmentatur, li mdorri jikkritika u jakkuża lill-Gvern, jgħid li raqad u minħabba f'hekk mietu l-vulnerabbli.

Ir-raġunijiet li kienu jimmilitaw favur soluzzjoni permezz tad-Downtown Hotel huma dawn li ġejjin:

i. Id-disponibilità immedjata ta' madwar 80 sodda f'binja waħda;

ii. Il-fatt illi d-Downtown Hotel tinsab qrib ferm tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex kif ukoll f'post ċentrali;

iii. Il-fatt illi d-Downtown Hotel m'għandhiex bini ieħor imiss magħha u għalhekk tipprovdi miżura ta' iżolament fi żmien ta' pandemija, kif ukoll li hija akkomodazzjoni liċenzjata sal-grad ta' kumdità ta' lukanda ta' tliet stilel u tgawdi

minn faċilitajiet bħal *waste area* iżolata u minn faċilitajiet li huma desiderabbli f'ambjent ta' dar għall-anzjani;

iv. Il-fatt illi fid-Downtown Hotel jista' jingħata servizz simili għal dak li jingħata fis-Sala Sant'Anna fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;

v. Il-prezz negozjat ta' €54.79 għal kull sodda hu mhux biss prezz kompetittiv iżda irħis. Dan jista' jiġi vverifikat b'eżerċizzju sempliċi ta' kif imorru r-rati għall-kiri/xiri ta' sodod tal-anzjani waqt perjodu ordinarju, aħseb u ara f'perjodu straodinarju ta' emerġenza ta' saħħa pubblika. Dan il-prezz jinkludi fih l-użu esklussiv ta' numru ta' ambjenti fil-bini inklużi kappella, restaurant/kafetterija li jinbidlu f'sala *multi purpose, canteen* għall-istaff, ir-residenti u l-viżitaturi, il-foyers, il-lifts, il-kċina u l-area għall-preparazzjoni tal-ikel, il-*waste separation area*, it-toilets, u l-aċċess għall-garage sotterraneju.

vi. Fi ftit jiem, is-sidien tad-Downtown Hotel kienu lesti li jagħmlu t-tibdil kollu necessarju kif mitlub mid-diriġenti tal-Istpar Ġenerali t'Għawdex.

In kwantu għal dak li allega l-ilmentatur dwar 'Lourdes Home' għandu jingħad li din il-proprjetà wkoll mhijiex fil-pussess tal-Gvern u ma kinitx toffri l-istess vantaġġi. Apparti minn hekk it-tmexxija ta' din id-dar kienet insistiet, ukoll mal-midja, illi d-dar ma kinitx inbniet bi ħsieb li takkomoda lill-anzjani u wriet ruħha pjuttost riluttanti milli tassumi l-funzjoni ta' dar għall-anzjani. Dan apparti li din l-istess propjetà kienet u għadha fi stadju ta' kostruzzjoni.

Anke jekk l-ilmentatur ma jaqbilx mal-għażla tad-Downtown Hotel, bħalma jista' ma jaqbilx ma kull deċiżjoni li jieħu l-Gvern, dan ma jfissirx illi l-fatti ta' dan il-każ jagħtu lok għal każ *prima facie* ta' ksur ta' xi dmir statutorju jew etiku. Għall-kuntrarju, huwa ċar illi l-fatti ma jqajmu ebda lanjanza ta' din ix-xorta. Anzi, u fuq livell personali, jiena mmur pass oltre u ngħid illi kont nonqos mill-obbligi tiegħi mhux biss bħala Ministru iżda anke bħala ċittadin fdat b'responsabilità, li kieku ma ħdimtx id f'id mal-Kabinett u mal-Awtoritajiet kollha konċernati sabiex dan il-pass daqstant importanti u meħtieġ seta' jittieħed.

Ċertament illi ma jistax jiġi preżunt, wisq inqas abbażi ta' insinwazzjonijiet, illi konsiderazzjonijiet dwar il-mertu ta' kuntratt pubbliku jqanqlu kwistjonijiet ta' ksur ta' dmirijiet statutorji jew etiċi taħt l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika awtomatikament. Dan speċjalment meta ksur ta' dak it-tip lanqas ikun ġie indikat fl-ilment, bħalma ġara f'dan il-każ.

Fl-aħħar nett, nerġa' ntenni illi l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika mhuwiex kompetenti biex jieħu konjizzjoni ta' dan l-ilment u dan speċjalment peress illi dan l-Uffiċċju mhuwiex l-awtorità legalment jew fattwalment idoneja biex tinvestiga kwistjonijiet ta' *'value for money'* fl-akkwisti pubbliċi magħmula skont il-liġi.

Nissottometti għalhekk illi l-Uffiċċju tiegħek għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' dan l-ilment ukoll għalhekk, apparti r-raġunijiet l-oħra mogħtija f'din ir-risposta illi tassew jikkonfermaw illi dan l-ilment ma jistax jiġi milqugħ.

G.

Nibqa' għad-dispożizzjoni tiegħek għal kull kjarifika li tista' tkun teħtieġ.

Inselli għalik

Clint Camilleri
Ministru għal Għawdex

DOKUMENT D

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

6 ta' Jannar 2021

L-Onor Clint Camilleri MP
Ministru għal Għawdex

Bl-email fuq l-indirizz
clint.camilleri@gov.mt

Onorevoli,

**Każ K/026: Ordni għat-tibdil tad-Downtown Hotel f'dar tal-anzjani**

Nagħmel riferenza għall-ittra tiegħek tat-18 ta' Novembru 2020 b'risposta għal dik tiegħi tal-4 ta' Novembru 2020.

Nibda biex nassigurak illi studjajt sewwa l-oġġezzjoni magħmula fl-ittra tiegħek li l-investigazzjoni tiegħi dwar dan l-ilment allegatament "teżorbita mill-kompetenza [tiegħi] u tmur kontra l-provvedimenti tal-liġi … li jirregolaw il-funzjonijiet [tiegħi]".

Din l-oġġezzjoni ġiet ibbażata fuq il-paragrafu (ċ) tal-ewwel sub-artikolu tal-artikolu 20 tal-Kap 570. Però ma jidhirlix li l-Prim Ministru ċċertifika li m'ghandhiex tinghata twegiba kif prospettat f'dak is-subartikolu, in oltre mhix l-intenzjoni tiegħi li nitlob xi tagħrif jew nitlob il-produzzjoni ta' xi oġġett, inkartament jew xi dokument ieħor li "ikun jinvolvi l-kxif tad-diskussjonijiet jew proċedimenti tal-Kabinett jew ta' xi kumitat tal-Kabinett".

Is-subartikolu (1) tal-artikolu 20 hu eċċezzjoni għal dak provdut fis-subartikolu (2) tal-artikolu 19 tal-Kap 570, u bħal kull eċċezzjoni għandu jiġi interpretat restrittivament; żgur m'għandux jiġi interpretat b'mod li jimmina jew jistultifika l-iskop kollu tal-Att XIII tal-2017 u jipprekludini milli ninvestiga ilment dwar abbuż tal-poter jew ksur tal-kodiċi ta' etika minn ministru fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, għax jgħid li ikun qed jaġixxi dwar xi ħaġa li setgħet ġiet diskussa jew deċiża fil-Kabinett (ħaġa li skont il-liġi ma nistax nivverifika). Jien qiegħed nillimita ruħi fl-investigazzjoni dwar dan l-ilment għal dak li jikkonċerna lilek bħala ministru mingħajr ebda konsiderazzjoni jekk dan kienx jew le diskuss fil-Kabinett jew jirriżultax minn deċiżjoni tiegħu jew jekk kellux l-approvazzjoni tal-istess.

Kif semmejt fl-ittra tiegħi tal-4 ta' Novembru jien qed nikkonsidra l-ilment in kwistjoni anke fil-kuntest tal-artikolu 22(2) tal-Kap 570. Dan ifisser, biss, illi wara li tiġi konkluża kull investigazzjoni li nista' nagħmel dwar il-każ, inkun nista' nieħu l-provvedimenti elenkati fl-istess artikolu. Nassigurak illi jiena nagħtik kull opportunità li tinstema. Kien għalhekk illi ġà tlabtek tagħti r-reazzjonijiet tiegħek b'mod ġenerali, u ser ngħaddi aktar 'il quddiem f'din l-ittra biex nitolbok li tagħti ir-reazzjoni u t-tweġibiet tiegħek għad-domandi li ser nagħmel f'din l-ittra.

Saret riferenza ukoll għall-artikolu 13(4) tal-Kap 570. Ġie sostnut illi minn dak l-artikolu jsegwi li l-Kabinett mhux sindakabbli mill-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u li l-għan tal-Att dwar l-Istandards fil-Hajja Pubblika kienet li jiġi sindakat l-għemil ta' ministru jew persuna partikolari, u mhux deċiżjoni tal-Kabinett. Naqbel ma' dan, u nassigurak illi l-għan u l-iskop ta' din l-investigazzjoni ma tikkonċernax il-Kabinett jew xi deċiżjoni tiegħu, iżda l-għemil tal-Ministru independentement jekk hux jew le konformi jew kontra xi deċiżjoni tal-Kabinett.

Għalhekk ninfurmak li mhux ser nastjeni u ser inkompli bl-indaġni tiegħi dwar dan l-ilment kif awtorizzat u skond il-provvedimenti tal-Att tal-2017 dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika (il-Kap 570).

Fid-dawl ta' dan kollu nitlob il-kollaborazzjoni tiegħek f'din l-investigazzjoni billi ngħaddilek id-domandi li ġejjin li int mitlub tirrispondi skont kif jipprovdi l-artikolu 18(5) tal-Kap 570, u biex ukoll tagħti kull kumment jew reazzjoni tiegħek għall-fatti li joħorġu mid-domandi u tweġibiet sussegwenti:

1. Meta bdew, u meta ġew konklużi, it-trattativi mad-Downtown Hotel?

2. Meta bdew il-preparattivi, f'Għawdex, għall-pandemija? L-ewwel każijiet fiċ-Ċina kienu f'Diċembru 2019, fl-Italja fl-aħħar ta' Jannar 2020 u wasal f'Malta bl-ewwel każ fis-7 ta' Marzu 2020.

3. Qabel ma, jew fl-istess żmien li, bdew it-trattativi mas-sidien tad-Downtown Hotel, ġew avviċinati lukandi jew stabbilimenti oħra f'Għawdex li setgħu kienu f'pożizzjoni joffru servizzi simili?

4. Saru taħdidiet ma' ħaddieħor? Ma' min? Kif wasaltu għall-konklużjoni li d-Downtown Hotel, u mhux oħrajn, kellha tkun dik li magħha għandhom isiru n-negozjati?

5. Kif jipparaguna l-prezz miftiehem mad-Downtown Hotel, mal-prezz ta' sodod fi djar tal-anzjani (bla provvista ta' ikel u staff)?

6. Meta ngħata l-permess tad-Direttur tal-Kuntratti biex dan il-kuntratt isir bi proċedura negozjata? Meta intalab il-permess? Kien hemm kondizzjonijiet marbutin mal-permess?

7. Taħt liema regolament tal-LS.601.03 ġie mogħti l-permess, u fuq liema bażi ġiet iġġustifikata l-urġenza skont kif provdut fil-paragrafu (ċ) tal-regolament 153 jew 154 (skond liema japplika)?

8. Meta ngħatat l-emergency licence mis-Social Care Standards Authority lid-Downtown Hotel?

9. Ittieħdu passi biex fl-għeluq tal-kuntratt mad-Downtown Hotel tinħareġ sejħa pubblika kemm-il darba jkun għad hemm bżonn għas-servizz in kwistjoni?

Napprezza risposta flimkien ma' xi kummenti li jidhirlek opportuni sa **nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021**.

Nitolbok ukoll mat-tweġibiet tiegħek tibgħat:

a) kopja tal-kuntratt mad-Downtown Hotel;

b) kopja tal-permess tad-Direttur tal-Kuntratti biex il-kuntratt isir bi proċedura negozjata, kif ukoll kopja tal-korrispondenza rigwardanti dak il-permess; u

c) xi dokumenti li jista' jkollok dwar kif saret l-investigazzjoni fuq is-suq dwar possibilità ta' offerenti oħra ma' min setgħu jsiru negozjati.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT E

PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA

7 ta' Jannar 2021

Dr George Hyzler,
Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Valletta VLT 1210

Sur Kummissarju,

**Re: Kaz K/026 Ordni ghat-tibdil tad-Downtown Hotel f'dar tal-anzjani**

Ingiebet a konjizzjoni tieghi l-ittra tieghek tas-6 ta' Jannar 2021 mibghuta minnek lill-Onor. Ministru ghal Ghawdex Clint Camilleri, dwar il-kaz fuq imsemmi.

L-intier tal-materja mertu ta' dan il-kaz tikkoncerna decizjoni kollettiva tal-Kabinett tal-Ministri, mehuda fil-kuntest ta' Emergenza ta' Sahha Pubblika.

Ai termini tal-artikolu 20 (1) (c) tal-Kap 570 tal-Ligijiet ta' Malta, niċċertifika li l-għoti ta' tagħrif jew it-tweġib ta' kull mistoqsija jew il-produzzjoni ta' xi oġġett, inkartament jew dokument ieħor dwar l-istess suggett ikun jinvolvi l-kxif tad-diskussjonijiet jew proċedimenti tal-Kabinett. Dan jghodd ukoll ghal kwalunkwe` dokument diga prodott quddiemek.

Ghaldaqstant nitolbok sabiex tirregola ruhek skont ma jipprovdi l-artikolu 20 tal-Att (kap 570).

Inselli ghalik,

Robert Abela
Prim Ministru

DOKUMENT F

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX
Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex

19 ta' Jannar 2021

Dr George M. Hyzler
Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

Sur Kummissarju,

Ref. Kaz K/026 - Ordni ghat-tibdil tad-Downtown Hotel f'dar tal-anzjani

Niktiblek b'referenza ghall-kaz fuq imsemmi u in segwitu ghall-ittra tieghek tas-6 ta' Jannar 2021.

Ninfurmak li min-naha tieghi m'ghandiex kummenti ohra x'inzid mal-kontenut tal-ittra tal-Onor. Prim Ministru mibghuta lilek dwar is-suggett datata 7 ta' Jannar, 2021.

Inselli ghalik,

Onor. Clint Camilleri

t +356 2215 6400 e ministryforgozo@gov.mt | www.gozo.gov.mt